# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI NRU. 569

KAZ NRU. 687

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Joseph Camilleri

u

Pantar Ceramics Ltd.
kif rapprezentata mis-Sur Joe Vella u s-sur Nazzareno Vella

dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

Data: 17 ta' Mejju, 1994

Chairman: Is-Sur Maurice J.V. Bonello M.B.E.

1. INTRODUZZJONI

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal mill-Onorevoli Ministru tal-Edukazzjoni u Rizorsi Umani permezz ta' ittra datata 15 ta' Gunju 1992, skond il-provvedimenti ta' Artikolu 28(2) ta' l-Att tal-1976 dwar Relazzjonijiet Industrijali.

Is-Sur Joseph Camilleri kien assistit mill-avukat Andrew Borg Cardona, waqt li ghal Pantar Ceramics Ltd deher is-Sur Joe Vella, Managing Director, assistit mill-avukat Joseph R. Micallef.

It-Tribunal zamm hdax-il seduta.

finanzjarju kien illi, sa April 1992 l-appellant kellu jibqa' jithallas minn Pantar Ceramics Ltd, imbaghad jibda jithallas mis-CMS Ltd. Huwa kien qieghed jahdem "full time" mas-CMS Ltd meta l-impjieg tieghu gie terminat. Peress illi l-impjieg tieghu mas-CMS kien impjieg gdid, il-provvediment mandatorju ta' tlett xhur "probation" kien japplika. Jidher illi l-impjieg ta' Camilleri mas-CMS kien gie terminat minhabba tilwima li kellu mal-management rigward flus li kellu jaghti lil Pantar Ceramics Ltd ta' affarijiet li kien xtara. Huwa rilevanti l-fatt illi l-appellant stess stqarr fix-xhieda tieghu illi kien accetta, ghalkemm kontra qalbu, impjieg mas-CMS Ltd.

KONSIDERAZZJONIJIET

Huwa evidenti, almenu fl-opinjoni tat-Tribunal, illi ghalkemm ix-xoghol ta' General Manager ma' Pantar Ceramics Ltd baqa' jezisti, dan ix-xoghol beda jsir mill-Managing Director tal-kumpanija, Joseph Vella. Il-post ta' General Manager ma' baqax jezisti. Ma tressqu l-ebda provi illi kien gie mpjegat persuna ohra flok l-appellant. Effettivament, il-kariga ta' General Manager gie abolit.

It-Tribunal huwa tal-opinjoni illi l-appellant kien sfortunat hafna fir-relazzjonijiet li kellu maz-zewg kumpanija, Pantar Ceramics Ltd u CMS Ltd. Fl-ewwel wahda, ix-xoghol li kien jaghmel hadu f'idejh il-Managing Director, u fit-tieni wahda kellu l-impjieg terminat fiz-zmien mandatorju ta' "probabation". B'hekk sab ruhu minghajr impjieg.

## 2. PRELIMINARI

Joseph Camilleri kien impjegat ma' Pantar Ceramics Ltd., l-ewwel bhala Project Manager u wara bhala General Manager minn Jannar tal-1991 b'salarju ta' Lm500 gross fix-xahar. Oltre dan kien jithallas Lm200 fix-xahar bhala kumpens ghax-xoghol li kien jaghmel ma' CMS Ltd, kumpanija li kellha rabtiet kummercjali ma' Pantar Ceramics. Fi Frar tal-1992 Camilleri ntbaghat jahdem ma' CMS Ltd ghax il-Managing Director ta' Pantar Ceramics kien qallu li kellu bzonnu fis-CMS. F'April, 1992 kien offrut posizzjnoi permanenti mas-CMS li kien accetta imma fil-21 ta' April, 1992 l-impjieg tieghu gie terminat. Il-kumpanija Pantar Ceramics sostniet illi Camilleri kien spicca minn dik il-kumpanija minhabba "redundancy". L-appellant ikkontesta dan, u sostna li qatt ma' kien gie nfurmat illi kien "redundant".

## RIKORRENZI

Il-Managing Director ta' Pantar Ceramics Ltd, li kellu wkoll interess fil-kumpanija CMS Ltd, kien iddecieda illi jiehu t-tmexxija minn gurnata ghall-ohra ta' Pantar Ceramics Ltd. B'rizultat ta' din id-decizjoni, l-appellant gie f'posizzjo-ni illi ma kienx hemm izjed lok ghas-servizzi tieghu ma' Pantar Ceramics Ltd. Il-Managing Director ta' Pantar Ceram-ics Ltd pero' kien qallu illi izjed kien hemm bzonnu mas-CMS Ltd, u kien baghtu jahdem ma' dik il-kumpanija fejn event-walment gie offrut posizzjoni permanenti. L-arrangament

Certament, it-Tribunal jissimpatizza mal-appellant, imma ma jistax jahrab mill-fatt illi l-appellant stess fix-xhieda tieghu, ammetta illi kien accetta li jitlaq minn ma' Pantar Ceramics Ltd u jibda jahdem mas-CMS Ltd. Jigifieri, implicitament, l-appellant accetta illi ma kellux aktar futur ma' Pantar Ceramics Ltd u accetta li jmur mas-CMS Ltd.

DECIZJONI

Peress li mill-provi jirrizulta ghas-sodisfazzjon tat-Tribunal li t-terminazzjoni ta' l-impjieg tal-appellant, is-sur Joseph Camilleri kienet ghar-raguni ta' "Redundancy", it-Tribunal jiddikjara li mhux kompetenti li jisma dan il-kaz u dan skond is-subartikolu (1) ta' l-Artiklu 2 tal-Kapitolu 266.

Ghall-finijiet tar-Regolamenti tal-1986 dwar drittijiet li jithallsu (AL 46 tal-1986) maghmula taht l-Att tal-1976 dwar Relazzjonijiet Industrijali, it-Tribunal qed jintaxxa ghal kull wiehed miz-zewg persuni li dehru ghall-partijiet id-drittijiet fis-somma ta' erbghin lira maltin (Lm40).

B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

Maurice J.V. Bonello
CHAIRMAN

Edwin Spiteri
SEGRETARJU

mrg